**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump 443 /2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Yousef Essesi**

Illum id-29 ta' Ottubru 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-imputat Youssef Essesi ta' 21 sena mwieled Pieta nhar il-02 ta Ottubru 1991 Iben Abdussalam u Bernardette nee' Pirotta u residenti Bridge End, Flat 2A, Triq iz-Zebbug, San Giljan. Karta ta' L-identita Nru 509491(M) akkuzat talli:

1. Fis-26 ta' Jannar 2014 ghall-habta ta bejn il-11:00 ta filghodu u 12:30 ta' wara nofs in-nhar minn gewwa 12, Casa Vella, Triq Wied il-Kappara, Gzira ikkometta serq ta' flus kontanti u gojjelli, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur liema ammont jeccedi is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u

tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Carmelo Vella u/jew persuni ohra;

**2.** Fit-13 ta' Dicembru 2014 ghal habta ta bejn 09:00 ta filghaxija u l-10:00 ta' filghaxija f'dawn il-gzejjer ikkometta serq ta' *mobile phone* Iphone 5S, liema serq huwa aggravat bil-hin, u bil-valur liema ammont ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Scott Dixon u/jew persuni ohra;

**3.** Fid-09 ta' April 2015 ghal habta ta bejn 10:40 ta filghodu u l-02:50 ta' wara nofs in-nhar minn gewwa 27, Mayflower, Triq Belveder, Gzira ikkometta serq ta diversi ogetti, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil mezz u bil-valur liema ammont ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Giuseppe Grech u/jew persuni ohra

**Nakkuzawh ukoll talli fil-25 ta Mejju 2015 f'xi hin filghaxija fi triq San Albert, Gzira u/jew f'dawn il-gzejjer:**

4. Ikaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Adel Afifi skond kif certifika Dr. Cauchi reg no:3220 ta' l-isptar Mater Dei;

5. Akkwista jew kellu fil-pussess tieghu għal-liema għan ikun, żamm jew importa munizzjon li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritanti bħal

gass tad-dmugħ, mingħajr liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju;

6. kiser il-provediment ta` l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata t-08 ta` Mejju 2015 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

7. Bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;

8. B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il- Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

**Kif ukoll nakkuzawh talli fl-istess hinijiet, dati u lok:**

9. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, mid-digrieti u li permezz taghhom huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Sliema u/jew gewwa ghases ohra, li jirrinkaza ruhu bejn l-10 :00 ta filghaxija u 06 :00 ta filghodu u li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

10. Sar recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tat-28 t'Ottubru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-22 ta'April 2016 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jinstab hati u cioe[4]:

a. Fl-artikolu 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 266, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 214, 215, 221 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 3, 51(1)(a)(b), 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 338(m) u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Folio 5 ta' l-atti processwali
[2] Folio 427-429 ta' l-atti processwali
[3] Folio 431 ta' l-atti processwali
[4] Folio 331 ta' l-atti processwali

f. Fl-artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. Fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta datata s-16 ta' Mejju 2016, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat separatament jekk kellux oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal diversi incidenti li kienu sehhew matul is-snin 2014 u 2015 fejn l-akkuzat principalment gie akkuzat li kkometta tlett serqiet. Illi tnejn minn dawn is-serqiet saru billi dahal minghajr permess gewwa djar residenzjali u seraq diversi oggett. It-tielet serq li l-

[5] Folio 332-333 ta' l-atti processwali

imputat huwa akkuzat bih huwa dak ta' *mobile phone* minghand persuna li kien mieghu f'karozza. L-imputat tressaq ukoll talli kkaguna feriti hfief fuq persuna b'uzu ta' *pepper spray* wara li ggieled fil-pubbliku. Flimkien ma' dawn huwa wkoll akkuzat talli kiser ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata moghtija skond l-Att tal-Probation kif ukoll li kiser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u finalment tali sar recidiv.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015, xehed **l-Ispettur Jonathan Ransley**[6], stazzjonat l-ghassa ta' Tas-Sliema. Huwa kkonferma illi fis-26 ta' Jannar, 2014 ghall-habta tas-siegha nieqes ghoxrin ta' wara nofs in-nhar il-Pulizija ta' tas-Sliema ircevew rapport li kien hemm serqa qed issir dak il-hin minn gewwa dar 12, Casa Vella, Triq Wied il-Kappara, Gzira u fuq il-post nizlu l-Pulizija tal-RIU u kif ukoll tad-distrett. X'hin dahlu fil-post u ccekjawh sabu li l-malvivent jew malviventi kienu gja' telqu minn fuq ix-xena tad-delitt. Gie mitkellem certu Carmel Vella, sid il-proprjeta', fejn dan spjega li kien halla r-residenza tieghu ghal xi l-hdax ta' filghodu u ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar gie infurmat minn xi gar tieghu bl-isem li jismu Raymond li xi hadd kien dahallu fir-residenza u nforma lill-Pulizija li kienu naqsulu €900 fi flus kontanti li

[6] Folio 26-39 u 295-296 ta' l-atti processwali

kienu qieghdin go *tea pot* go *cabinet* gol-kcina u gibed l-attenzjoni tal-Pulizija li kien qed jissuspetta fil-gar ta' ma genbu. Giet mitkellma ukoll il-mara tieghu Ester Vella fejn spjegat lill-Pulizija li sabet il-kaxxa tad-deheb nieqsa, li go fiha kien hemm curkett tat-tieg tad-deheb isfar, sett ta' brazzuletta u gizirana tad-deheb abjad u deheb isfar bid-djamanti, zewg gizirajjen ohra tad-deheb, curkett tal-engagement white gold li kellu hagra sewda mdawwra bid-djamanti u tlett crieket ohra tad-deheb. Ix-xhud spjega li l-Pulizija imbaghad habbtu l-bieb tal-maisonette ta' ma genb din id-dar bl-isem ta' Fair Winds fejn fetah certu Essesi, li x-xhud gharaf fl-awla, u fil-kumpanija tieghu kellu zewg persuni ohra. Gie osservat mill-Pulizija li l-maisonette fejn kien qed jabita Essesi bil-kera ghandu hajt divizorju bejn il-bitha ta' Essesi u l-gnien tar-residenza Casa Vella. Saret tfittxija fil-maisonette pero’ ma nstabu l-ebda affarijiet li gew allegatament misruqa. Iz-zewg persuni l-ohra kienu Josephine Borg (KI 517991M) u Alan Bartolo (KI 356387M). Ix-xhud stqarr li hekk kif nizel fuq il-post, sab li t-tlieta li huma Essesi, Josephine Borg u Alan Bartolo kienu gew mizmumu mill-Pulizija li kienu waslu l-ewwel fuq il-post. Dawn ikkonfermaw illi Essesi qal li kif fetah il-bieb ta' barra tal-maisonette, ra ragel fil-maisonette tieghu u qabad sikkina u telaq jigri warajh pero’ ma jafx fejn marret din il-persuna. Ix-xhud spjega li fuq wara tal-bitha ta' Essesi kien hemm gholi mizerjament ta' tlett sulari jew ftit iktar u ghalhekk jekk xi hadd jaqbez ‘l hemm isfel zgur li ma kienx ser jibqa' haj. Zied jghid ukoll illi l-unika haga li setghat grat hija li l-malviment li qal li ra Essesi ixxabbat fil-gallarija ta' fuq l-appartament ta' Essesi imma dan ukoll ma kienx probabbli skont ix-xhud. Mistoqsi jekk jafx ghalfejn il-kwerelanti kellhom suspett f’Essesi jidher li huma ghamlu dan minhabba li ghandu kondotta kulurita u mhux ghax

attwalment rawh. Ix-xhud imbaghad spjega li huwa kellem lix-xhud okulari Raymond Chircop fejn dan qal li kien qieghed fil-kcina u kien ra zewg persuni lebsin track suit, jaqbzu mill-*boundary wall* tal-maisonette ta′ Essesi ghal gol-gnien ta' Carmel Vella u mbaghad qal meta instemghu s-sireni tal-Pulizija dawn l-istess tnejn minn nies regghu qabzu lura fil-maisonette ta' Essesi. Dan Chircop eskluda li dawn qabzu minn xi gallarija imma afferma illi rahom jaqbzu mill-hajt divizorju. Eventwalment, meta l-ufficjali tat-taqsima forensika bdew jaghmlu xogholhom, instab id-deheb kollu allegat misruq fuq ix-xoffa tal-hajt x'hin taqbez mill-hajt ghal gol-gnien. Il-flus ma nstabux. Dan id-deheb gie ritornat lis-sidien tieghu. Fid-9 ta' Frar 2014 ix-xhud applika ghall-mandat t′arrest u tfittxija ta' Yousef Essesi u Alan Bartolo. Ix-xhud spjega kif fit-12 ta′ Frar 2014 huwa kellem lil Josephine Borg fejn din stqarret li fil-hdax ta' filghodu kien cempillha l-imghallem taghha Charlie, li rrizulta li huwa Carmel Vella l-vittma, u dan biex ikellimha rigward xi tips. Qalet li waqt li kienet qieghda fuq it-telefon mieghu qaltlu x'kien sehh matul il-gurnata, u hu qalilha li kien hiereg. Qalet ukoll li ghal xi nofs in-nhar Essesi kien cempillha biex tmur tara xi xadina li kellu fil-maisonette, u fil-fatt, veru kellu xadina dakinhar. Skond ix-xhud, Josephine Borg qalet li Essesi kien ghadda ghaliha flimkien ma Alan Bartolo. X'hin Essesi fetah il-bieb biex jidhlu, rat ragel ta′ tul medju li telaq jigri fil-bitha tal-maisonette u Essesi qabad sikkina u hu flimkien ma Alan marru jigru warajh pero′ ma kinetx taf x'gara fil-gnien. Fit-22 ta' Frar 2014 gie interrogat Alan Bartolo. Dan qal li Essesi u Josephine marru ghalih. Regghat issemmiet ix-xadina u fil-fatt Alan kien interessat jixtriha u fil-fatt kien xtraha wara. B′differenza minn Josephine Borg, Bartolo kien qal li hu ma kien ra lil hadd jitlaq jigri mill-

maisonette. F'dak iz-zmien ma kienx gie mitkellem Essesi pero' fis-26 ta' Mejju 2015 Essesi gie arrestat dwar involviment fi glieda fejn gie ferut certu Adel Afifi u anke minhabba ksur ta' *bail conditions*. Essesi kien interrogat rigward l-allegat serq u diversi incidenti ohra inkluz serq ta' *mobile phone* u serq minn go residenza ohra fil-Gzira.

Waqt l-interrogazzjoni verbali fil-prezenza ta' PC 976, fejn huwa ghazel li ma jkunx assistit minn avukat, Essesi kien hareg bil-proposta li titnehha c-charge tas-serq li sehhet fis-26 ta' Jannar 2014 u dan minhabba l-fatt li l-valur taghha kien sostanzjali. Essesi kien qal li Alan Bartolo u Josephine Borg ma kienux ser jitkellmu qabel jaghtihom il-permess hu. Kien zamm fejn jghid illi la kien hu u lanqas kienu t-tnejn l-ohra. Wara ftit minuti kien talab biex imur ipejjep sigarett biex jahseb fuq l-affarijiet li kienu ghaddejjin dak il-hin u wara xi ghoxrin minuta mar lura fl-ufficcju tax-xhud u qal li kien lest jipprovdi l-ismijiet tal-allegati hallelin. Madankollu, wara tlett minuti, hu qam bil-wieqfa, mar lejn it-tieqa, tefa' idu ma' wiccu u qaghad jahseb u kien hemm pawza u kellu d-dmugh f'ghajnejh, dar lejn ix-xhud, pogga bilqieghda u wara li saru ftit domandi preliminari Essesi qal li jridx jirrispondi aktar ghax " *xbajt f'din il-hajja, ghada ha nammetti ghal kollox, xbajt nghix hekk, kemm nista' mmur habs u jekk nammetti tista' l-Magistrat taghti s-sentenza data ohra u sakemm taghti s-sentenza niehu l-bail halli nirranga l-affarijiet tieghi*". Ix-xhud kien qallu li s-sentenza massima tista' titla sa sebgha snin, hu baqa' jghid li kien dispost jammetti. Essesi kien jaf li nsteraq id-deheb ghax minghajr ma x-xhud kien qallu xejn, huwa qal li d-deheb ma hadux u li kienu ttiehdu biss flus u hwejjeg.

Ix-xhud kompla jispjega illi fid-29 ta' Mejju 2015 applika ghal mandat ta' arrest iehor biss fir-rigward ta' Alan Bartolo u gie milqugh. Dakinhar stess baghat ghal Bartolo l-ghassa u qallu li Essesi ser jammetti ghal din is-serqa u li lest jixhed kontra l-ohrajn. Bartolo kien baqa' jafferma illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa. F'dak il-punt huwa halla lil Bartolo jitlaq ghax ma kien hemm xejn fuqu. Ix-xhud spjega ukoll li fil-31 ta' Mejju 2015, Josephine Borg iccarat li fil-verita' ma kien hemm hadd fil-fond ta' Essesi u li hija kienet tkellmet b'mod differenti fil-bidu minhabba li kienet mhedda mill-istess Essesi. Borg qalet ukoll li matul l-ahhar jiem waqt li l-imputat kien il-habs, kien ikkuntattjata lil certu J.J. Pace ghan-nom tal-imputat permezz tal-Facebook fejn l-imputat kien ried ikellimha. Il-Pulizija irnexxielha tikseb registrazzjonijiet tat-telefonati maghmula minn Essesi minn gewwa l-habs.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar feriti li sehhew fil-25 ta' Mejju 2015 ix-xhud spjega li din bdiet minn PC 488 li kien qieghed duty l-Isptar Mater Dei u dan informa lil PC 463 li kienet dahlet mara l-isptar tibki ghall-ghajnuna minhabba li kien hemm glieda fil-*parking area* taI-isptar. PC 488 hareg fil-*parking* u ra tnejn min-nies jiggieldu li rrizulta Ii kienu certu Ryan Sammut u l-imputat u wara li gab is-sitwazzjoni taht kontroll u l-imputat identifika ruhu u qallu li ma ghandux bzonn assistenza medika, il-Pulizija talbuh jitlaq minn fuq il-post biex jevitaw iktar inkwiet. Dak il-hin l-imputat baqa' sejjer l-ghassa tas-Sliema u qal li kien involut fi glieda u mhux ser jibqa' joqghod fl-indirizz skont il-bail conditions imma qed joqghod l-Alexandra Hotel. Il-glieda sehhet meta wasal l-imputat li kien qed isuq vettura bil-pjanci ta' registrazzjoni DQZ-382 u f'daqqa wahda huwa hareg mill-vettura u beda jghajjatlu u jinsulta

lil certu Greta Grassi u anke' pprova jhebb ghaliha. Certu Adel Afifi beda jipprova jbieghed lill-imputat minn Grassi u anke' tah zewg daqqiet ta' ponn. Wara dan, l-imputat allegatament baqa' sejjer lejn il-karozza li kellu hareg bott tal-*pepper spray* u sprejjah f'wicc Afifi. Wara dan Ryan Sammut ha lil Afifi l-isptar u kienu akkumpanjati ukoll minn Greta Grassi. Dakinhar, filfatt, Essesi gie arrestat minn gewwa l-Alexandra Hotel f'San Giljan.

Fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2015 rega xehed l-Ispettur Ransley fejn huwa pprezenta ghadd ta' ritratti relatati mal-allegata serqa tas-26 ta' Jannar 2014.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 xehed **PC 488 Emanuel Cilia**[7], stazzjonat l-Ghassa tal-Imsida. Huwa stqarr li fil-25 ta' Mejju 2015 huwa kien dettaljat xoghol ta' bil-lejl gewwa d-dipartiment tal-emergenza fl-Isptar Mater Dei. Ghall-habta tal-10:30 jew 10:45hrs dahlet mara tghajjat *"Pulizija, Pulizija, ejja ghini"* u qalet li kien hemm ragel qed isegwiha ghax kellha accident mieghu il-Gzira. Fl-istess waqt ra ragel diehel izomm ghajnejh. Il-mara qalet li xi hadd kien sprejjalhom il-pepper spray. F'daqqa wahda waqfet karozza zghira hdejn il-bieb tal-emergenza u l-persuna li kien hemm gewwa beda jghajjat *"ejjew, ejjew"*. Ix-xhud qal li dan il-presuna kien l-imputat li seta jaghraf fl-awla. Iz-zewg persuni l-ohra kienu twasslu l-emergenza minn certu Ryan Sammut. Gara li inqala' argument bejn dan Sammut u l-imputat fejn bdew jaghtu bl-idejn u jobzqu lil xulxin. Ryan Sammut informa lix-xhud li l-imputat kien qed isegwihom. Meta x-xhud saqsa lill-imputat x'qed

[7] Folio 41-44 ta' l-atti processwali

jaghmel hemmek dan qallu li huwa ukoll mar ghall-kura kif ghandu dritt li jaghmel.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 xehed **Adel Afifi**[8]. Wara li inghata l-*caution*, ix-xhud stqarr li fil-25 ta' Mejju 2015 huwa kien qieghed id-dar tieghu gewwa l-Gzira u rcieva messagg fuq Facebook minghand l-imputat li jekk certu Rosanne ser tkun maghhom kien ser ikun hemm il-problemi. Din Rosanne kienet l-eks siehba tal-imputat. L-imputat maghruf bil-laqam ta' *"iz-Zonqor"*. Ftit wara ghadda l-imputat bil-karozza u rega' qal li jekk ser ikun hemm Rosanne ser ikun hemm l-inkwiet. Dak il-hin kien hemm prezenti ukoll certu Ryan Sammut u Greta Grassi. Dak il-hin l-imputat beda joffendi lil din Greta Grassi u kien anke' ser ihebb ghaliha. Ix-xhud qas li huwa beda jzommu u f'xin minnhom tah daqqa ta' ponn. In segwitu ta' dan, l-imputat dar lura lejn il-karozza tieghu u gab bott qisu pepper spray u sprejja minnu fid-direzzjoni tax-xhud li spjega li dak il-hin beda jhoss hruq f'ghajnejh, ghonqu u spallejh. Wara dan huwa mar l-isptar fejn wasslu Ryan Sammut u kien akkumpanjat minn Greta u ohtu li jisimha Sarah. Ix-xhud ikkonferma illi fi triqthom lejn l-isptar, l-imputat kien qed isegwihom bil-karozza. Illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 ix-xhud gie riprodott. Huwa kkonferma illi kien soggett ghal proceduri penali minhabba l-griehi allegatament maghmula lil Yousef Essesi. Skont ix-xhud kien hemm akkuzi reciproci ukoll kontra Essesi. Huwa minn naha tieghu ikkonferma li ma xtaqx ikompli bil-proceduri kontra Essesi minhabba li Essesi kien ha r-responsabbilita' huwa tal-akkadut. Ix-xhud ikkonferma illi huwa kien gie liberat mill-Qorti. Ix-xhud iddikjara illi

[8] Folio 45-53 u 288-294 ta' l-atti processwali

qieghed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali kontra Yousef Essesi sa fejn din hija rinunzjabbli kif ukoll qieghed jirtira l-kwerela li huwa kien ghamel kontra Yousef Essesi.

Illi fl-istess seduta xehdet ukoll **Greta Grassi**[9] fejn hija spjegat illi fil-25 ta' Mejju 2015 kienet flimkien ma Adel Afifi u Ryan Sammut jitkellmu barra fit-triq u f'daqqa wahda waqfet karozza u hareg xi hadd jigri minnha. Hija ntebhet illi dan kien l-imputat, li hija kienet taf qabel. Dan beda jheddidha li ser joqtolha u jqaxxarha minhabba li allegatament hija hadet ritratt mal-eks tfajla tieghu. L-imputat beda jhebb ghaliha izda gie mwaqqaf minn Adel Afifi li spicca biex tah daqqa ta' ponn. Wara dan l-imputat mar lura lejn il-karozza u gie lura bil-pepper spray u sprejjah f'wicc Adel Afifi li wara ftit beda jghajjat bl-ugiegh. Deher li l-imputat hareg il-pepper spray mill-bieba tan-naha tax-xufier.

Fl-istess seduta xehdet ukoll **Josephine Borg**[10], li xehdet bil-lingwa Ingliza. Hija stqarret li hija taf lill-imputat minhabba li kienet tohrog mieghu fil-passat u li dan kien maghruf bil-laqam *"iz-Zonqor"*. Hija spjegat illi fil-25 ta' Mejju 2015 tat stqarrija gewwa l-ghassa ta' Tas-Sliema fejn hija qalet li l-imputat u Adel Afifi kienu marru ghaliha u marru d-dar tal-imputat biex jaraw ix-xadina u hekk kif fethu l-bieb kien hemm xi hadd gewwa d-dar. Ix-xhud kompliet tistqarr li imbaghad fil-31 ta' Mejju 2015 hija kellmet lill-Ispettur Ransley fejn hija varjat l-istqarrija taghha fis-sens li fil-verita' ma kien hemm hadd gewwa d-dar tal-imputat u qalet li kienet mhedda mill-imputat sabiex titkellem favur tieghu. Komplet tghid illi anke' meta kien il-habs, l-imputat kien

[9] Folio 54-59 ta' l-atti processwali

jipprova jikkomunika maghha tramite certu J.J. Pace permezz tal-Facebook.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Ryan Sammut**[11]. Huwa spjega li fil-25 ta' Mejju 2015 huwa kien flimkien ma Greta Grassi hdejn id-dar ta' Adel Afifi. Fil-pront gie l-imputat bil-karozza u waqaf ezatt quddiem il-garaxx u hareg biex ihebb ghal Greta Grassi. Dak il-hin Adel Afifi prova jwaqqfu darbtejn u meta l-imputat rega' prova jhebb ghaliha, Afifi tah daqqa ta' ponn. Imbaghad wara l-imputat mar lura fil-karozza u gab xi spray u sprejja f'wicc Adel Afifi. Ix-xhud spjega illi huwa imbaghad wassal lil Adel Afifi l-isptar bil-karozza tieghu u matul it-triq baqa' jsegwihom l-imputat. Fil-karozza kienu hu, Adel Afifi u Greta Grassi u mat-triq kienu cemplu lill-Pulizija u avzawhom li kien hemm l-imputat qed isegwihom.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Kirsten Mercieca**[12] li kkonferma li nhar il-25 ta' Mejju 2015 kien mal-imputat, li huwa seta jaghraf fl-awla. Kienu waqfu biex mar ikellem lil Greta u dan beda jghajjat maghha dwar il-fatt li kienet qed tkun mal-eks tieghu u imbaghad Adel Afifi tah daqqa ta' ponn jew tnejn. Wara dan l-imputat gab xi spray mill-karozza. Dan il-bott kien iswed u ta' daqs li joqghod sew f'id l-imputat. Waqt dan l-episodju x-xhud kien bilqieghda fil-karozza tal-imputat fuq in-naha tal-passiggier. Wara li nqala' l-inkwiet ix-xhud telaq 'l hemm bil-mixi ghax skont hu ma riedx jidhol f'basal ta' haddiehor.

---

[10] Folio 60-65 ta' l-atti processwali
[11] Folio 66-71 ta' l-atti processwali
[12] Folio 72-77 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2015 xehed **John Junior Pace**[13]. Dan stqarr li fit-12 ta' Mejju 2015 tressaq il-Qorti fuq serqa li saret bieb ma bieb mieghu, cioe' fi Triq Belvedere, il-Gzira. In segwitu ta' din il-kawza huwa wehel tlett snin probation. Ix-xhud spjega illi s-serqa sehhet billi huwa u l-imputat dahlu gewwa din id-dar minn fuq il-bejt billi sgassaw tieqa, daru dawra u hargu 'l barra. Skont ix-xhud ma nsteraq xejn minn gewwa din id-dar. In kontro-ezami ix-xhud iccara illi ghamlu madwar tlett kwarti gewwa d-dar. Wara din is-serqa kien hemm okkazjonijiet fejn l-imputat kien hedded lix-xhud li ser ifittxu. Kien hemm okkazjoni ohra bejn talbu n-numru ta' Josephine Borg. Ix-xhud stqarr li huwa kien ghamel rapport mal-Ispettur Jason Francis Sultana dwar il-komunikazzjonijiet li ghamel mieghu l-imputat.

Fl-istess seduta xehed l-Ispettur **Jason Francis Sultana**[14], stazzjonat l-ghassa ta' tas-Sliema. Ix-xhud stqarr li fid-9 ta' April, 2015 kien gie infurmat minn PS 778 David Sant li huwa Surgent stazzjonat l-ghassa ta' l-Gzira illi kienet sehhet serqa minn gewwa r-residenza li tinsab Mayflower, 27, Triq Belvedere, il-Gzira. Irrizulta li l-fond kien ta' mara anzjana li kienet ilha l-Isptar. Skont il-kwerelanti, il-valur tal-oggetti misruqa kienu bejn €1,500 u €2,000. Il-mod kif saret is-serqa jindika li bilfors riedet issir minn gewwa r-residenza li tinsab biswit id-dar derubata. Mill-verifiki li saru irrizulta li kien joqghod certu John Junior Pace. Dan kien gie mitkellem fejn irrilaxxja stqarrija fejn iddikjara li huwa qatt ma kien dahal gewwa din id-dar pero' kien stqarr ukoll illi l-ghada kien raqad ghandu certu Yousef Essesi, l-imputat. Pace kien stqarr illi jekk Essesi ghamel xi haga din saret waqt li hu kien rieqed. Ix-

[13] Folio 79-92 ta' l-atti processwali

xhud spjega kif huwa kkumissjoni lill-membri tal-Laboratorju Forensiku sabiex jaghmlu ezamijiet ghall-impronti digitali u filfatt instabu marki fuq vazun minn gol-kcina ta' din ir-residenza li qablu ma dawk ta' John Junior Pace. Fid-9 ta' Mejju fejn dan ta stqarrija ohra fejn biddel il-verzjoni tieghu u kien qal li huwa kien dahal gewwa r-residenza flimkien ma' Yousef Essesi pero' innega li kienu serqu xi affarijiet. Fit-12 ta' Mejju 2015 John Junior Pace tressaq il-Qorti fejn dan kien ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Eventwalment ix-xhud rega' kellem lill-imputat u dan qal li kien lest li jaghmel tajjeb allavolja skont hu qal illi ma seraq xejn minn go din id-dar. Skont ix-xhud, John Junior Pace kien ircieva messagg minghand l-imputat fejn qallu li jekk huwa kien ser jaghmel xi gurnata l-habs fuq dan il-kaz, wara li johrog kien ipattihielu. In kontro-ezami ix-xhud ikkonerma li l-imputat fl-ebda mument ma kien ikkonferma illi huwa wettaq is-serqa.

Skont ix-xhud, is-serqa kelllha bil-fond issir mill-fond ta' Pace u dan minhabba li fil-faccata tal-fond derubat ma kienx hemm zgass, il-hajt ta' l-genb kien hemm xi sular u nofs tnejn gholi jigifieri l-access kien limitat jekk mhux impossibbli, minn naha ta' wara l-istess kien hemm gholi ta' kwazi zewg sulari allura l-access bil-fors kellu jsir minn fuq il-bejt tad-dar ta' John Junior Pace kif fil-fatt irrizulta ghax kien hemm il-marki taz-zarbun minn fuq il-bejt ta' John Junior Pace ghal fuq il-bejt ta' din id-dar.

Fl-istess seduta xehed **PS 463 Christopher Ellul**[15], stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' tas-Sliema li kkonferma li fil-25 ta' Mejju 2015 fil-10:45 huwa rrapporta gewwa l-parkegg ta' quddiem l-Emergenza tal-Isptar Mater

[14] Folio 99-107 ta' l-atti processwali

Dei u dan wara li PC 488 Cilia talab ghall-assistenza ghax kien hemm argument ghaddej. Meta wasal fuq il-post is-sitwazzjoni kienet ikkalmat u huwa kellem lil Ryan Sammut u Greta Grassi. Wara li sema dawn x'kellhom x'jghidu, ix-xhud informa lill-Ispettur Ransley b'dak li kein gara u inghatat id-direzzjoni sabiex Yousef Essesi jigi arrestat. Eventwalment dan gie arrestat gewwa l-Alexandra Hotel f'San Giljan. Minbarra minhabba r-rapport, id-direzzjoni sabiex Essesi jigi arrestat inghatat ukoll minhabba l-fatt li suppost fil-11:30pm huwa kellu jkun fir-residenza tieghu u f'11:40pm huwa informa lill-Pulizija tal-ghassa ta' Tas-Sliema illi huwa ser ikun gewwa l-Alexandra Hotel f'San Giljan.

Fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2015 xehed **Raymond Chircop**[16]. Dan ikkonferma illi fis-26 ta' Jannar 2014 huwa kien qieghed hdejn it-tieqa tal-kcina tad-dar tieghu li tinsab fi Triq Nazju Ellul, Il-Gzira. Mit-tieqa huwa seta jara tnejn minn nies jaqbzu *"qishom zewg xadini"* ghal gol-proprjeta' tas-Sur Vella minn gol-bitha ta' xi flettijiet. Il-hin kien filghodu u wiehed minn dawn il-persuni kien liebes flokk orangjo u kienu bil-hoodies. Ix-xhud rahom minn wara. Ix-xhud cempel lil xi hbieb tas-Sur Vella u gew ikkuntattjati l-Pulizija. Ghaddew madwar ghaxar minuti sa ma dawn iz-zewg persuni hargu mid-dar ta' Vella u regghu qabzu l-hajt. F'dan il-punt ix-xhud ma setax josserva jekk kellhomx xi haga f'idejhom. Il-vista tax-xhud kienet minn madwar zewg sulari 'l fuq minn fejn kienet qed issehh l-affari. In kontro-ezami ix-xhud eskluda illi ra xi kaxxa taz-zraben u lanqas ma kellhom xi sellum. Il-hajt li telghu mieghu dak iz-zmien kellu gholi ta' madwar tmien filati.

---

[15] Folio 108-113 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed ukoll **Carmel Vella**[17] li kkonferma li nhar is-26 ta' Jannar 2014, kien qed jiehu kafe' mal-mara u ircieva telefonata minghand nies jafhom li kienu dahlulhom id-dar. Marru jigru lura lejn id-dar u sabu li vera kienu dahlulhom u kien hemm tieqa imqaccta. Huwa stqarr li f'naha tal-gardina hemm hajt pjuttost baxx u anke' sigra u fin-naha l-ohra hemm hajt gholi madwar tmintax-il filata u mal-faccata hemm hajt ta' erba sulari. Ix-xhud kien jaf lill-imputat ghax kien joqghod vicin u gharfu fl-awla. Huwa kkonferma illi nsterqu s-somma ta' €900 li kienu gewwa pot fil-vetrina tal-kcina kif ukoll id-deheb kollu li qies il-valur tieghu bhala madwar €4,000. Dan id-deheb eventwalment instab go kaxxa fuq ic-cint li jaghti ghall-appartament ta' hdejn il-fond tieghu.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Alan Bartolo**[18] li qal fis-26 ta' Jannar 2014 l-imputat mar fil-hanut tieghu A&L, il-Gzira, akkumpanjat minn wahda Ingliza u qallu biex imorru jaraw ix-xadina li kellu ghall-bejgh. Skont ix-xhud, l-imputat kien diga mar hdejh xi erbat ijiem qabel u kellmu fuq din ix-xadina. X'hin wasalu d-dar tal-imputat, dan fetah bic-cavetta. Hekk kif huwa kien go kamra fuq gewwa jara x-xadina, sema l-bieb ta' barra jhabbat u xeba storbju u l-imputat beda jghid li ra lil xi hadd. Irrizulta li kienu marru l-Pulizija fuq il-post dak il-hin. Minn naha tieghu, ix-xhud eskluda illi kien ra lil xi hadd u ikkonferma li dik kienet l-ewwel darba illi huwa dahal fid-dar tal-imputat.

---

[16] Folio 124-139 ta' l-atti processwali
[17] Folio 140-147 ta' l-atti processwali
[18] Folio 148-153 ta' l-atti processwali

**Ester Vella,** li tigi l-mara ta' Carmel Vella, xehdet waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2015[19]. Hija kkonfermat illi fis-26 ta' Jannar 2014 kienet qieghda tas-Sliema mar-ragel meta ircevew telefonata li xi hadd kien dahlilhom id-dar, u cioe' Casa Vella, Triq Wied il-Kappara, Il-Gzira. Meta waslu d-dar sabu hafna Pulizija u s-sliding door tal-bitha miftug kif ukoll it-tieqa tal-kcina sgassata. Hija kkonfermat illi naqsu €900 kif ukoll xi dehebijiet li skont hi jiswew madwar €4,000 u kienu jinkludu choker u brazzuletta bid-djamanta, pendent antik u xi crieket u brazzuletti ohrajn li kienu f'kexxun fil-kamra tas-sodda. Dawn l-affarijiet instabu. Hija setghat taghraf lill-imputat fl-awla u kienet taf li kien joqghod fl-appartament li kellu l-bitha attigwa ma taghhom.

Fl-istess seduta xehed **Giuseppe Grech**[20] li kkonferma illi ghamel rapport mal-Pulizija fid-9 t'April 2015 u dan wara ircieva telefonata minghand Josephine Abela, li tigi oht il-mara tieghu. Din Abela kienet marret fil-fond 27, Triq Belvedere, il-Gzira li jigi d-dar ta' ommha li kienet rikoverata l-Isptar Karin Grech. Meta dahlet fil-fond sabet it-taqlib u anke' hasset il-moviment ta' xi nies jigru fil-fond. Hekk kif ircieva t-telefonata, ix-xhud mar fuq il-post u meta ra x'gara, ghamel rapport l-ghassa tal-Gzira. Kien jidher li n-nies dahlu mill-bejt ghax kien hemm tieqa tal-aluminium li tindika li giet sgassata. It-taqlib kien mad-dar kolla u kienu naqsu settijiet ta' puzati tal-fidda. Skont ix-xhud il-valur huwa ta' cirka €1,500 jew €2,000. Is-suspett kien fil-girien taghhom, il-familja Borg.

[19] Folio 199-205 ta' l-atti processwali
[20] Folio 206-211 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2015 xehed ukoll **CO Aldo Francalanza**[21], stazzjonat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li pprezenta recording li kien registrat mill-*control room* tal-istess Facilita' Korrettiva.

Xehed ukoll **PS 1184 Patrick Grech**[22], stazzjonat fil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika, li wara li halef illi huwa kien qeda' l-inkarigu tieghu sewwa, ghadda biex ipprezenta ghadd ta' ritratti li kien ha in konnessjoni mal-allegata serqa li sehhet fis-26 ta' Jannar 2014 mill-fond 12, Casa Vella, Triq Wied il-Kappara, il-Gzira.

Xehdu ukoll **PS 404 Paul Camilleri** u **PC 1331 Darren Debattista**[23], ukoll stazzjonati fil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika li kkonfermaw li nhar id-9 ta' April 2015 gew mitluba mill-Ispettur Jason Sultana biex jaccedu gewwa l-fond Mayflower, Triq Belveder, Gzira fejn kien hemm access ghax kienet saret serqa. Ix-xhieda kkonfermaw illi huma kienu ghamlu x-xoghol forensiku li jinkludi t-tehid ta' ritratti u elevar ta' dokumenti.

Fis-seduta tas-27 t'Awwissu 2015 xehed **PC 376 Andrew Grech**[24] stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema li minn naha tieghu stqarr illi kien prezenti meta l-imputat iffirma r-rinunzja ghad-dritt ghal Avukat nhar is-26 ta' Mejju 2015 u gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument relattiv.

[21] Folio 286-287a ta' l-atti processwali
[22] Folio 264-264a ta' l-atti processwali
[23] Folio 218-220 ta' l-atti processwali
[24] Folio 189-191 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **PC 976 Thomas Zammit**[25], ukoll stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema. Huwa spjega li fis-26 ta' Mejju 2015 kien gie mghajjat mill-Ispettur Jonathan Ransley sabiex joqghod bhala xhud ghal stqarrija tal-imputat Yousef Essesi li x-xhud iddikjara li qed jaghraf fl-awla. L-istqarrija kinet tittratta dwar serqa fil-Gzira u l-Ispettur Ransley mall-ewwel qallu li l-verzjoni tieghu ma taqbilx ma' dik ta' zewg persuni ohrajn. Ix-xhud ikkonferma illi l-imputat kien irrinunzja ghad-dritt li jkun assistit minn avukat u ffirma dikjarazzjoni f'dik is-sens. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu bhala xhud fuq id-dokument relattiv. Essesi mal-ewwel beda jghid li jaf min ghamel din is-serqa u li kien ha jikxifhom imbaghad tela' biex ipejjep sigarett, nizel isfel, imbaghad meta rega' tela', rega' beda jghid li rega' daharlu u mhux ser jikxef. Imbaghad beda jghid ukoll li dawn bil-permess tieghu biss ha jammettu n-nies l-ohra, iz-zewg persuni l-ohra, imbaghad l-Ispettur Ransley qallu li kienu nsterqu hwejjeg, flus u deheb, qabez Essesi fil-pront u qalli li flus ma nsterqux, imbaghad dawwar kollox u bid-dmugh f'ghajnejh qal li ser jammetti kollox halli jehles u jmur il-habs u jibda' hajtu mill-gdid.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PS 778 David Sant**[26] ukoll stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema. Huwa stqarr li fid-9 ta' April kien qieghed xoghol l-ghassa tas-Sliema u cempel certu Giuseppe Grech li dan kien qed jistenna I-Pulizija biex imorru jinvestigaw rapport tieghu stess fuq xi serq minn god-dar t'ommu. Ix-xhud ikkonferma illi accesa huwa personalment gewwa l-fond May Flower, 27, Triq Belveder, il-Gzira, li kienet id-dar ta' omm Grech li bhalissa qieghda rikoverata.

[25] Folio 192-196 ta' l-atti processwali

Filghodu kienet marret ohtu gewwa d-dar u x'hin fethet indunat li kien hemm xi taqlib. Jidher li l-kontenut tad-dar kien ghadu kollu f'postu qabel dan l-incident minkejja li ma kienitx okkupata f'dak il-mument. Ix-xhud ikkonferma li flimkien mal-kwerelant, huwa dar kull kamra u baqa' tiela sa fuq il-bejt fejn osserva li tieqa li kienet taghti minn gewwa d-dar ghal fuq il-bejt kienet miftuha u kien jidher ovvju li din giet sgassata b'xi lieva.  Kien hemm ukoll bieb li jaghti ghal fuq il-bejt li ma kienx jidher li gie sgassat.

Fl-istess seduta xehed ukoll **l-Ispettur Elton Taliana**[27], stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud spjega li lejn l-ahhar ta' Dicembru 2014 marru jirrapportaw gewwa l-Ghassa ta' San Giljan certu Scott Dixon u t-tfajla tieghu Casey Pace illi dan Scott Dixon darba minnhom fit-13 ta' Dicembru 2014 kien qieghed fil-vettura ma Yousef Essesi u meta wasal id-dar sab li l-mobile iPhone 5s nieqes. Skont ix-xhud, Dixon u Essesi kienu jafu lil xulxin minhabba li Essesi kien jiehu xi tahrig fil-*boxing* minghand Dixon. Dixon kien stqarr li meta cempel fuq in-numru tal-mobile tieghu stess, kien irrispondieh Essesi u qallu li huwa kien ser jirritornah u ma ghandux ghalfejn jinkwieta. Jidher li dan il-mobile phone qatt ma gie ritonat u allura Dixon ghadda biex ghamel rapport dwar serq tal-istess mobile phone. Ir-rapport gie maghmul max-xhud direttament u kien fis-sena illi minkejja li Essesi kien wieghed li ser jirritorna l-mobile phone, dan baqa' ma wasalx. Ix-xhud spjega li rrizultalu li Essesi kien biegh dan il-mobile li ghandu valur ta' €600 u kien ghadu qed jithallas ghax kien bil-kuntratt. Ix-xhud stqarr li Dixon u Essesi ltaqghu fl-ufficcju tieghu gewwa l-Ghassa u ftehmu fuq il-prezz

[26] Folio 183-188 ta' l-atti processwali

ta' €500 li kellhom jithallsu minn Essesi l-ghada. Dawn il-flus ma waslux lanqas. Skont ix-xhud, il-Pulizija kienet konvinta li Essesi kien seraq il-mobile ta' Scott Dixon minhabba li qatt ma nnega li kien fil-pussess tieghu u kien accetta li jhallas mall-ewwel. Fil-fatt Essesi tressaq il-Qorti fuq dan il-kaz.

Fl-istess seduta xehed ukoll l-**Ispettur Jesmond Micallef**[28], stazzjonat l-Internal Affairs Department tal-Pulizija li gie mitlub jixhed dwar il-kondizzjonijiet taI-helsien mill-arrest li kellu I-imputat Yousef Essesi. Kien hemm kondizzjonijiet li gew imposti mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi nhar l-20 ta' Lulju 2010, li kienu jinkludu fost ohrajn li kellu jirrapporta fl-ghassa taI-Pulizija tad-distrett ta' fejn joqghod jigifieri fl-ghassa ta' Tas-Sliema, kull nhar ta' Sibt bejn it-8 ta' filghodu u t-8 ta' filghaxija, kellu ukoll jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-ghaxra ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm hekk qabel is-sitta ta' filghodu u dan fuq garanzija personali ta' hamest elef ewro. Eventwalment kien sar appell minn dawn il-kundizzjonijiet, liema appell kien instama' quddiem l-Imhallef David Scicluna fejn kienu inbidlu xi kundizzjonijiet fosthom minflok jirrapporta l-ghassa ta' tas-Sliema kull nhar ta' Sibt biss bejn it-tmienja ta' filghodu u t-tmienja ta' filghaxija, ghandu jiffirma l-ghassa ta' tas-Sliema kuljum bejn is-sebgha ta' filghodu u s-sebgha ta' filghaxija, varjaw ukoll il-kundizzjonijiet ta' rinkazar billi ordna li ghandu jirtira d-dar mhux izjed tard mis-sebgha u nofs ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm gew qabel is-sitta ta' filghodu.

[27] Folio 174-181 ta' l-atti processwali

Illi fil-11 ta' Jannar 2016 xehed **Scott Dixon**[29] fejn spjega illi l-imputat Essesi kien tah lift mill-akkwata tal-bajja ta' Spinola sad-dar tieghu. Dan kien madwar hmistax il-xahar qabel u l-hin kien ghall-habta tad-21:00hrs. Jghid li meta wasal id-dar induna li kien tilef il-mobile phone li kien tat-tip iPhone 5s. Permezz tal-moblie phone tas-siehba tieghu, Casey Pace, cempel fuq in-numru tieghu u rrisponda l-imputat li qallu li kien ser innewwilulu fi zmien siegha. Wara li ghaddiet is-siegha ix-xhud rega' cempel u l-imputat qallu li kien ser jghaddi l-ghada. Ix-xhud kompla jispejega kif skuza wara l-ohra dan il-mobile phone qatt ma wasal lura ghandu u eventwalment l-imputat ammetta mieghu li kien bieghu. Kien hemm anke' attentati ta' kuntatt permezz ta' Facebook imma eventwalment l-imputat nehha l-profil tieghu. Ix-xhud spjega li huwa kien bilqieghda fuq in-naha tal-passiggier u fl-akbar probabbilita' il-mobile phone waqa' fuq in-naha tal-bieba. Ix-xhud spjega li kellu inkontru mal-imputat hdejn l-Ghassa ta' San Giljan fejn hemmekk l-imputat kien ammetta li ghadu problem finanzjarji u li kien bieghu il-mobile phone. Kien ukoll ipprometta li jhallsu lura l-valur tieghu, li kien ta' circa €500. Dawn il-flus qatt ma waslu lanqas.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2016 xehdet **WPC 117 Silvia Zarb**[30], stazzjonata fl-Ghassa ta' Bormla li kkonfermat illi l-imputat Yousef Essesi, detentur tal-karta tal-identita' 509491M ma ghandu l-ebda armi registrati fuq ismu skont is-sistema tal-Pulizija.

---

[28] Folio 171-173 ta' l-atti processwali
[29] Folio 304-311 ta' l-atti processwali
[30] Folio 333-334 ta' l-atti processwali

L-imputat **Yousef Essesi** xehed waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2016[31]. L-imputat xehed b'referenza ghal-lista tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, huwa stqarr li hemm zball fl-imputazzjoni minhabba li huwa seta' jdum barra sal-hdax u nofs ta' filghaxija. In rigward tal-imputazzjoniji relatata ma'serq ta' mobile phone huwa stqarr li ma ghandu xejn x'jghid ghax huwa tort tieghu. Stqarr l-istess ukoll fir-rigward tal-glieda li huwa allegatament kellu ma mas-Sur Afifi fejn dan tal-ahhar ta daqqa ta' ponn lill-imputat u dan irrisponda billi sprejjalu dashboard spray. Kemm hu kif ukoll Afifi hafru lil xulxin. Fir-rigward tas-serqa mill-post vicin ta' fejn kien joqghod hu, ix-xhud stqarr li dakinhar stess fl-istess nofs siegha li sar l-incident il-Pulizija ghamlulu tfittxija fid-dar u ma rrizulta xejn fis-sens li la nstabu flus u lanqas gojjelerija. Fir-rigward tal-allegata serqa l-ohra, l-imputat qal li fid-9 ta' Marzu huwa kellu incident ikrah bil-mutur fejn sahansitra sofra griehi serji hafna fil-partijiet privati tieghu. Frott ta' dan, skont hu, kien impossibbli ghalih li jigri u jaqbez hitan. In kontro-ezami l-imputat gie mistoqsi dwar is-serqa ta' Jannar 2014 fejn huwa qal li huwa possibbli li tikseb access ghar-residenza tieghu minghand il-fond ta' fuqu li kull ma hemm bzonn taghmel huwa li taqbez cint. Fuq in-naha tal-lemin b'wiccek lejn il-bitha hemm id-dar li nsterqet. L-imputat qabel ukoll li fuq din in-naha tad-dar tieghu hemm il-kamra fejn kien hemm ix-xadina. F'dak li jirrigwarsa r-ragel li allegatament ra l-imputat hiereg mill-appartament tieghu b'sikkina, huwa ccara li dan rah hiereg minn naha tal-bitha lejn il-bieb ta' barra u allura rah minn wara. L-imputat qal li meta ra ragel mghammad fid-dar tieghu huwa qabad sikkina. Qabel ukoll li meta kien ta stqarrija lill-Pulizija qal li dan ir-ragel mghammad

[31] Folio 344-362 ta' l-atti processwali

ukoll kellu sikkina. Ix-xhud innegata li qatt kien ammetta mal-Pulizija li kien involut fis-serqa u li kien bi hsiebu jikxef lit-tnejn l-ohrajn gialadarba jghaddi kollox. Innega ukoll li effettivament kien jaf min huma dawn it-tnejn l-ohra. In rigward tas-serqa tad-9 t'April 2015, l-imputat gie mistoqsi kemm kien ilu jaf lil J.J. Pace fejn huwa kkonferma li kien jafu ghal hafna snin. Qal li J.J. Pace kellu jaghti l-flus lil hafna nies u semma lilu in konnessjoni mas-serqa sabiex jaghmillu l-hsara. Ikkonferma li l-Ispettur Jason Francis Sultana kien hadlu stqarrija fuq dan il-kaz.

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2016 xehed **Lawrence Bugeja**[32], Relations Officer gewwa l-Isptar Mater Dei li kkonferma illi l-imputat gie ammess l-Isptar fl-10 ta' Marzu 2015 u gie licenzjat fis-17 ta' Marzu 2015. Ix-xhud informa ukoll li l-konsulent kuranti kien Mr Patrick Zammit mid-dipartiment tal-Urolologija. Gie kkonfermat ukoll illi l-imputat kellu appuntament ta' follow-up madwar xahrejn wara li gie licenzjat. Ix-xhud ipprezenta l-case summary report relattiv.

Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019 xehed il-**Prof Patrick Zammit**[33] li kkonferma li huwa kien jikkura lill-imputat wara li dan gie ammess gewwa d-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei nhar l-10 ta' Marzu 2015 insegwitu ta' incident bil-mutur. Gie kkonstatat illi bhala rizultat tal-incident huwa sofra hsara serja fit-testikola tan-naha tal-lemin tant li kella ssir operazzjoni sabiex din titnehha u cioe' right orchidectomy. Il-kirurgu kienet Dr Stephanie Coates. Skont ix-xhud, il-perjodu ta' konvalexxenza wara din it-tip ta' operazzjoni huwa ta' bejn

[32] Folio 364-368 ta' l-atti processwali

erba u sitt izda mhux komuni li l-pazjent jinkorri ugiegh kbir waqt dan il-perjodu minhabba li l-feriti jfiqu malajr tenut kont ta' cirkolazzjoni tajba f'dik l-area u li l-incizjoni tkun wahda zghira. Bhala ponti jkun hemm kemm minn gewwa kif ukoll minnn barra u jkunu mit-tip li jinhallu wahedhom wara bejn wiehed u iehor sitt gimghat. Ix-xhud stqarr li wara li sar l-intervent, ma regax kellu kuntatt dirett mal-imputat u kif jidher mid-dokumentazzjoni tal-Isptar, il-fejqan kien wiehed tajjeb.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrijiet ta' l-imputat Yousef Essesi ittiehdet nhar is-26 ta' Mejju 2015 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Jonathan Ransley u nhar l-10 ta' Mejju 2015 gewwa l-ufficcju ta' l-Ispettur Jason Francis Sultana wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[34].

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet certu zmien wara whud mill-incident, u cioe' fis-26 ta' Mejju 2015 fil-prezenza ta' l-Ispettur Jonathan Ransley u PC 976 I Zammit u fl-10 ta' Mejju 2015 fil-prezenza ta' l-Ispettur Jason Francis Sultana u PC 729 Kevin Decelis. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija.

Illi fl-istqarrija ta' l-10 ta' Mejju 2015 l-imputat ghazel li ma wiegibx ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem

[33] Folio 415-423 ta' l-atti processwali

avukat qabel l-interrogazzjoni.[35] Illi fl-istqarrija tas-26 ta' Mejju 2015, l-imputat jaghzel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[36] u jidhol f'certu dettal dwar uhud mill-incidenti kif ukoll jaghzel li ma jwiegibx dwar ohrajn.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-imputat humiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juzax fiz-zewg okkazzjonijiet[37]. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss

[34] Folio 17 -18 u 93-94 ta' l-atti processwali
[35] Folio 95 u 96 ta' l-atti processwali
[36] Folio 16 ta' l-atti processwali
[37] Folio 16 ta' l-atti processwali.

permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[38] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li 1-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[39] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*
>
> *"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat*

[38] Fit-28 ta' Novembru 2016

[39] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn

fost dawn is-sentenzi wieħed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[40] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti 1-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[41] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

---

[40] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[41] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[42] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[43] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta'*

[42] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018
[43] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[44]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[45]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[46] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

[44] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[45] Folio 14 tas-sentenza
[46] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtenticità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[47]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[48]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[49] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat huwa ben konxju jekk mhux imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet

[47] Folio 25 tas-sentenza
[48] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijiiet u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[50], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew*

[49] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

*jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[51] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-

[50] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001
[51] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "*u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat*".[52]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[53] gie ritenut li "*fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat*".

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[54] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni "*beyond reasonable doubt*" moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[55]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

---

[52] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.
[53] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002
[54] deciz 5/12/1997

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-*

[55] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[56] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[57] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**
**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat tali ikometta serqiet differenti minn gewwa zewg residenzi, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-lok.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat

[56] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[57] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[58]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz, tal-valur u l-lok. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

---

[58] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Illi skont l-artikoli ta' l-Avukat Generali gew indikat li dan is-serq huwa ikkwalikat bl-agravju tal-mezz in vista tal-fatt li skond il-ligi sar bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni – Serq aggravat ta' nhar is-26 ta' Jannar 2014**

Illi mill-fatti jirrizulta li kienu insterqu a dannu ta' certu Carmelo Vella madwar disa' mitt Euro (€900) fi flus kontanti li kienu qieghdin go *tea pot* f'*cabinet* fil-kcina, kaxxa tad-deheb li fost gojjellerija ohra prezzjuza kien hemm ukoll ic-curkett tat-tieg u c-curkett ta' l-gherusija u li b'kollox kien jiswew madwar erbat elef (€4,000) euro[59]. Sid id-dar issuspetta li wiehed mill-girien tieghu – Yousef Essesi seta kien responsabbli u involut fis-serqa[60]. Meta l-pulizija habtu fuq ir-residenza, li kienet maisonette, ma' genb id-dar tal-vittma fetah l-imputat Essesi. Mil-provi irrizulta wkoll li bejn il-hajt tar-residenza li kien jghix fiha l-imputat u Casa Vella, ossija d-dar minn fejn saret is-serqa, kien hemm *boundary wall* li facilment seta jinqabez biex wiehed jidhol ghal ghand il-vittma.

Fil-fatt ix-xhud okulari Raymond Chircop ra dawn zewg persuni jaqbzu hajt minn go din il-bitha biex iwettqu s-serqa in kwistjoni:

> *"…rajt tnejn minn nies jaqbzu, huma kienu qeghdin go bitha ta' l-flattijiet u dahlu ghal propjeta' tas-Sur Vella."*[61]

[59] Folio 145 u 201 ta' l-atti processwali
[60] Folio 143 ta' l-atti processwali
[61] Folio 125 ta' l-atti processwali

Ix-xhud ftakar li *"wiehed minnhom kellu xi flok orange zgur u kienu libsin flok bil-hood fuq rashom, jigifieri ma nafx min kienu as such, ma nafx ghax terga' jiena minn wara rajthom…..kienu zewgt irgiel zgur, mija fil-mija."*[62]

Ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni rigward dan il-kaz kollha gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kien qed jikri l-fond bieb ma bieb mad-dar taghhom imma hadd minnhom ma gharfu jew identifikah bhala l-persuna li dahal gol-propjeta u ghamel is-serqa.

Illi mir-rapport ta' PS 1184 Patrick Grech kif ukoll ir-ritratti esebiti mill-Ispettur Jonathan Ransley[63] jidher car kif saret is-serqa.

Minn dan ir-rapport u mill-bqija tal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni ma jidhirx li nstabu jew gew elevati *lifters* minn fuq il-post ta' l-incident li juru marki ta' swaba u ma jirrizultax prova forensika ohra li b'xi mod torbot lill-imputat ma' dan il-incident.

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu jghid li *"dak in-nhar stess fl-istess nofs siegha li sar l-incident, ghamluli search fid-dar, dak in-nhar stess, kien hemm l-Ispettur Ransley u ma nstab l-ebda flus, l-ebda gojjellerija, li qalu li nsterqu u ma nafx x'insterqu dak il-hin stess jigifieri saret tfittxija fid-dar tieghi…le hadd ma caqlaq, konna tlett minn nies, ezatt u saret tfittxija dak il-hin stess."*[64]

---

[62] Folio 127 ta' l-atti processwali
[63] Folio 265-285, 297 (Dok RJ1) ta' l-atti processwali
[64] Folio 346 ta' l-atti processwali

Ikompli biex jghid ukoll li dakinhar tas-serqa ra bniedem johrog mid-dar tieghu.[65]

Il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha tressaq l-argument li l-imputat diga kellu *"intelligence"* dwar il-propjeta minhabba l-fatt li t-tfajla tieghu, dak iz-zmien, Josephine Borg, kienet tahdem ghal Carmelo Vella.

Illi mil-provi jidher car li l-imputat kien residenti fil-fond ma' genb id-dar li nsterqet. Huwa ppruvat ukoll li l-hallelin dahhlu mill-bitha ta' dan il-fond billi telghu mal-hajt komuni.

Il-prosekuzzjoni tistqarr li l-kaz huwa mibni fuq provi cirkostanzjali in vista tal-fatt li provi diretti ma jirizultawx u taghmel zewg referenza ghal-kazistika[66].

Min naha taghha d-difiza ta' l-imputat itenni li ma hemm xejn li jorbot b'mod specifiku l-imputat ma din is-serqa u tistrieh principalment fuq il-fatt li minkejja li l-pulizija ghamlu t-tifixxijiet taghhom gewwa r-residenza ma nstabetx ir-res furtiva jew ingabu provi forensici li kienu jeliminaw kull dubju u li setghu facilment jippruvaw il-kaz tal-prosekuzzjoni. Il-provi indizzji xorta huma dghajjfa u mhumiex sal-grad rikjest mil-ligi.

---

[65] Folio 350 ta' l-atti processwali

[66]**Pulizija vs David Gatt – Qorti ta' l-Appell Kriminali, 17 ta' Gunju 1998** u **Pulizija vs Carmelo Busuttil – Qorti ta' l-Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961.** i

Madankollu din il-Qorti tqis li minn imkien ma ngabet prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien wiehed min-nies li dahlu u serqu din id-dar u dan peress li, ghalkemm din il-Qorti tqishom facilment ottenibbli, ma ngiebux dawk il-provi forensici, ezamijiet kumparattivi, jew provi diretti mix-xhieda jew imqar xi prova specifika li torbot lil dan l-imputat, u mhux haddiehor, bhala l-persuna responsabbli minn din is-serqa.

Ghalkemm fir-realm tal-possibbli u ta' l-ipotetiku, ix-xenarji ta' dak li seta' gara jistghu jkunu infiniti, din il-Qorti ma tista' qatt taccettahom bhala fatti li jwasslu ghal sejbien ta' htija sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mill-ligi kif spjegat hawn fuq din il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lill-imputat minn din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni – Serq aggravat ta' nhar it-13 ta' Dicembru 2014**

Illi fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kien fil-karozza ta' certu Scott Dixon flimkien mieghu meta gie nieqes *mobile* tad-ditta I Phone 5S. Illi jirrizulta li dan il-*mobile* kien proprjeta' ta' Scott Dixon u t-tfajla tieghu Cassey Pace.

Scott Dixon beda icempel fuq il-*mobile* biex issibu u wiegeb l-imputat li kien qallu li ser jirritornah, izda qatt ma tahulu lura. Scott Dixon ipprova kemm-il darba biex jerga' jiehu lura l-*mobile* tieghu izda

minkejja li talab l-imputat sabiex jirritornahhulu lura, l-imputat baqa inadempjenti.

Jirrizulta li l-imputat qatt ma cahad li kien ha l-*mobile* ta' Dixon, kemm mal-vittma stess kif ukoll ma' l-Ispettur Elton Taliana u kien infurmahom li kien lest li jhasslu tieghu minhabba li *"kien iddispona minnu jigifieri bieghu jew, ma kienx ghadu fil-pussess tieghu.*[67] Fil-fatt, l-imputat u Dixon kienu iltaqghu fl-ufficju ta' l-Ispettur Taliana u kienu fthemu li l-imputat ha jghaddilu hames mitt Ewro bhala l-prezz tieghu, u dan minkejja li kien jiswa sitt mitt Ewro. Minkejja din il-weghda wkoll, l-imputat qatt ma ghaddha l-flus mifthema jew irritorna l-*mobile* phone lura lil Scott Dixon.

Illi dan kollu gie ikkorroborat mix-xhieda ta' Scott Dixon[68] u ta' l-imputat innifsu li fix-xhieda tieghu jghid:

> *"Issa ha mmur ghal mobile Sur Magistrat, nammettiha ghax it-tort tieghi jigifieri ma ghandhiex ghal fejn nghid xejn fuqha.."*[69]

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni din is-serqa tirrizulta li saret u li saret mill-imputat li anke refa' r-responsabilita taghha.

Id-difiza ta' l-imputat fil-waqt li ma tikkontestax il-htija ta' dan ir-reat itenni li l-aggravju tal-valur ma giex ippruvat in vista tal-fatt li ma ngabitx prova shiha tal-valur ta' l-oggett. Ix-xhud jindika l-valur bhala

[67] Folio 178-179 ta' l-atti processwali
[68] Folio 305 ta' l-atti processwali
[69] Folio 346 ta' l-atti processwali

wiehed ta' hames mitt Euro, izda f'dan ir-rigward ma tressqitx ircevuta, jew prova ekwivalenti tal-valur. Madankollu l-aggravju li ressqet il-prosekuzzjoni hija propju li l-valur ta' l-oggett misruq ma jecediex is-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu. Ghaldaqstant, f'dan il-kuntest stante li l-valur huwa inqas, u dan mhuiex ikontestat, din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-valur ghandu jghodd.

Ghaldaqstant kif spjegat hawn fuq din il-Qorti sejra tghaddi biex issib lill-imputat hati ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**
**It-tielet imputazzjoni – Serq aggravat ta' nhar id-9 t'April 2015**

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Jason Francis Sultana jirrizulta li certu John Junior Pace, li kien jghix bieb ma bieb mar-residenza li nsterqet, kien irrilaxxja stqarrija fejn kien qal illi huwa ma kellux sehem f'din is-serqa pero' kien iddikjara illi l-imputat kien raqad fid-dar tieghu u kien qallu li matul il-lejl waqt li hu kien rieqed dahhal gewwa r-residenza. Sussegwentement din il-verzjoni kienet inbiddlet wara li gie rrinfaccjat b'evidenza forensika u kien stqarr li kien dahal gor-residenza wkoll ghalkemm qatt ma kienu serqu xejn.

L-Ispettur ikompli biex jghid li l-imputat innega li kien seraq xejn izda kien ippromettielu li jaghmel tajjeb ghall-flus li nsterqu sabiex ma jidholx f'iktar inkwiet. Madankollu, huwa ppretenda li dawn il-flus ghandhom jigu mhallsa minn John Junior Pace biex huwa jkun jista'

jghaddihom lil vittma. Din l-informazzjoni inghatat lis-Spettur mil-qraba ta' John Junior Pace stess[70].

> *"....ircevejt telefonata minghand certu Louis Borg illi jigi n-nannu ta' John Junior Pace cioe' l-persuna li kienet tressqet in konnessjoni mas-serqa minn gewwa r-residenza fejn dan kien stqarr illi kienu qed jigu mhedda, jekk nistghu nghidu mhedda minn Yousef Essesi sabiex dawn il-flus li Yousef Essesi kien wieghed li kien sejjer ihallas jghaddi lili biex nghaddihom lil vittma, ghandhom jithallsu minn John Junior Pace mhux minnu........ qallu li jekk huwa kien ser jaghmel xi gurnata habs fuq dan il-kaz, wara li johrog kien ipattihielu."*[71]

In kontro ezami l-Ispettur ikkonferma li l-imputat qatt ma ammetta mieghu li wettaq din is-serqa: *"Li wettaq is-serqa fl-ebda mument ma qalli."*[72]

Illi x-xhud John Junior (J.J.) Pace fix-xhieda tieghu jghid espressament li hu u l-imputat kienu dahlu gewwa l-propjeta' fi Triq Bel Veder, il-Gzira li hija sitwata bieb ma bieb mad-dar tieghu minghajr permess. Ikompli jghid li huma qabzu minn fuq il-bejt tax-xhud, sgassaw tieqa u jghid li *"fil-verita' ma hadna xejn minn gewwa d-dar...... ahna minn go din id-dar ma nsteraq xejn voldieri u qalu li nsterqu xi affarijiet issa minn go din id-dar fil-verita' xejn ma nsteraq."*[73]

[70] Folio 102 ta' l-atti processwali
[71] Folio 103 ta' l-atti processwali
[72] Folio 104 ta' l-atti processwali
[73] Folio 81 ta' l-atti processwali

Jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess xhud li kien tressaq il-Qorti fuq akkuzi separati ma din is-serqa u ammetta ghal kollox u inghata piena.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jistipula l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċessli jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qortigħandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħatilill-akkużat.*

Din il-Qorti certament ma tqisx li din hija xhieda li ghandha mis-sewwa in vista tal-fatt li hija ghal kollox kontradittorja ghal dak li x-xhud stess ammetta, inghata sentenza u piena ghaliha.

Ix-xhud inghata s-soliti twissijiet kemm mill-prosekuzzjoni u kemm mill-Qorti dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza taht gurament. Minkejja din it-twissija baqa jinsisti li *"ma hadna xejn."*[74]

Fl-istess xhieda, ix-xhud jghid ukoll li wara li kien tressaq il-Qorti fuq dawn l-akkuzi beda jircievi messaggi ta' theddid minn ghand l-imputat:

> *"Beda jheddidni li ha jfittxni u hekk u voldieri ghandu kollox l-Ispettur Sultana. Ghandu l-messaggi hu."*[75]

[74] Folio 85 ta' l-atti processwali
[75] Folio 86 ta' l-atti processwali

Minn dak li xehed dan ix-xhud jirrizultaw zewg xenarji – jew (1) li x-xhud kien ammetta b'mod falz l-akkuzi dedotti kontrih quddiem il-Qorti fejn ammetta u inghata piena, jew (2) li f'din ix-xhieda moghtija minnu xehed il-falz.

Ghalhekk il-Qorti sejra biex tghaddi sabiex f'din is-sentenza stess tordna li dan l-akkadut jigi debitament investigat mill-pulizija, inkluz li x-xhud John Junior Pace jigi investigat b'mod immedjat kemm fir-rigward tal-possibilita' li huwa ammetta akkuzi ta' reati li huwa qatt ma wettaq, haga li din il-Qorti tqisha inkwetanti hafna, kif ukoll ghall-possibilita' li huwa xehed il-falz quddiem din il-Qorti meta, kuntrarjament ghall-ammissjoni tieghu, cahad l-involviment tieghu f'dik is-serqa.

Fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li ma jafx ghalfejn ix-xhud J.J. Pace semma lilu u ikkonkluda li *"m'ghandhiex idea ghaliex ried jaghmilli l-hsara."*[76]

Mix-xhieda ta' PS 778 David Sant jirrizulta li din id-dar kienet ilha zmien vojta u d-dar u l-kontenut kollox kien ghadu f'postu sakemm. Meta wahda mis-sidien maret tispezzjona d-dar, kif kienet taghmel regolarment indunat *"li c-cavetta li kienet fuq wara ta' l-bieb li jinfetah minn gewwa, ma kienetx qieghda hemm hekk u x'hin bdiet iddur il-kmamar sabet il-kxaxen miftuhin u xi ftit taqlib."*[77]

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li t-tieqa ta' l-*aluminium* fuq il-bejt kienet giet sgassata b'xi haga u giet sgassata t-tieqa u nsterqu diversi

[76] Folio 359 ta' l-atti processwali

oggetti li gew elenkati f'dokument u pprezentati mix-xhud Giuseppe Grech.[78] Il-valur totali tal-hsara u ta' l-oggetti misruqa jammontaw ghal bejn elf u hames mitt Ewro (€1,500) u elfejn Ewro (€2,000).

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu jispjega li *"jien hbatt bil-mutur, kelli accident 9th March 2015, qieghda miktuba hawn tattoo fuq mohhi, 11th March……Mela 11th March, jiena hbatt bil-mutur sorry 9th March, 11th March gejt operat jiena, operazzjoni serja, kelli wahda mit-testicles mghafga mat-tank minhabba dan l-incident jigifieri kellhom jifthuni jigifieri l-aktar parti delikata ta' ragel, qed tifhem, issa s-serqa giet fin-9th April, xahar wara, 28 days terga' wara l-operazzjoni li hbatt bil-mutur ma stajtx nimxi, jiena kellhom inehhuli r-right testicle, ma stajtx nimxi, issa bdew jghidu li qabzu cint u kisru tieqa u dan huwa impossibli."*[79]

Mix-xhieda ta' Lawrence Bugeja gie kkonfermat li l-imputat kien gie ammess Mater Dei fl-10 ta' Marzu 2015 u *discharged* fis-17 ta' Marzu 2015 mill-*Neurology Ward*.[80]

L-affidavit u x-xhieda tal-Konsulent Patrick Zammit[81] jikkonfera l-istess rapport u jaghlaq billi jghid li *"Recovery was uneventful. He was discharged on the 17 March 2015."*[82]

---

[77] Folio 183 ta' l-atti processwali
[78] Dokument GG1, Folio 198 u 208 ta' l-atti processwali
[79] Folio 347 ta' l-atti processwali
[80] Folio 365 u 369 -371 ta'l-atti processwali
[81] Folio 378-379 u 415-423, Dok PZ1 ta' l-atti processwali
[82] Folio 379 ta' l-atti processwali

Illi mill-provi prodotti mill-impuat ma jirrizultax b'mod car li dak in-nhar tas-serqa, cioe fid-9 ta' April 2015 l-imputat kien indispost u mhux f'stat li jimxi:

*"Magst: Din it-tip ta' operazzjoni timporta xi restrizzjoni fil-movimenti ta' dak li jkun bhal mixi, giri jew sahansitra li wiehed jerfa piz jew li jixxabbat ma hitan, ma gholjiet?*

*Profs Patrick Zammit: hija difficli biex tirrispondiha dik ghax huwa ghax jiddependi xinhuwa predispost jaghmel il-pazjent u x'riskju jixtieq jew li jkun ippreparat li jiehu……l-operazzjoni meta titnehha bajda s-soltu ma tirrizultax f'hafna ugigh lill-pazjent, issa jekk din titnehha bajda ghall-cancer jew xi haga tipikament fi zmien gimgha jkunu sew dawn. Ovvjament hemm il-ferita li tkun ghadha ma fieqitx, issa xtaghmel, jekk inti jkollok qalziet ta' taht ssikkat tista tigri per ezempju, pero mhux ser ingieghel pazjent jigri jien."*[83]

Illi mir-rapport kongunt ta' PS 404 Paul Camilleri u PC 1331 Darren Debattista[84] jidher car minn fejn sar il-sgass kif ukoll it-taqlib li kien sehh.

Gew elevati wkoll diversi *lifters* minn fuq il-post ta' l-incident fejn instabu numru ta' marki ta' swaba.[85] Madankollu minn imkien mill-atti processwali ma li dawn il-marki tas-swaba kienu ta' l-imputat. L-ufficjal prosekutur filwaqt li stqarr fix-xhieda tieghu li nstabu xi impronti fuq vazett li kienu ta' Pace naqset milli tipprezenta din il-prova forensika li

[83] Folio 418 u 419 ta' l-atti processwali
[84] Folio 221-263 ta' l-atti processwali

setghet titfa iktar dawl fuq il-fatt tal-kaz. Lanqas ma jirrizulta li sar xi ezami komparattiv tal-impronti elevati ma' dawk tal-imputat.

Mill-provi li tressqu, ghalhekk, din il-Qorti ma tistax issib htija li tista' tigi konsidrata bhala *safe and satisfactory* in vista tax-xhieda kunfliggenti tax-xhud John Junior Pace u ghan-nuqqas ta' provi l-ohra. Din is-sitwazzjoni ghalhekk, ma thalli lill-Qorti ebda triq ohra hlief li tiddikjara li ma ngabux provi bizzejjed sal-grad rikjest mil-ligi sabiex dan ir-reat jigi ppruvat.

Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mill-ligi din il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lill-imputat minn din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**
**Incident ta' nhar il-26 ta' Mejju 2015**

**Ir-raba' imputazzjoni – Feriti hfief fuq Adel Afifi**

L-imputazzjonijiet li hargu kontra l-imputat huma li kkaguna feriti ta' natura hfief fil-konfront ta' Adel Afifi minhabba li kien ghamel l-*pepper spray* fuq il-parti tal-gisem ta' fuq ta' Adel Afifi.

Illi f'dan ir-rigward gie esebit certifikat mediku u affidavit mahrug mit-tabib Dr. D. Cauchi Med Reg No. 3220 fejn ic-certifika l-griehi bhala hfief[86].

[85] Folio 226, 257, 258, 259 u 261 ta' l-atti processwali
[86] Folio 154 u 216 ta' l-atti processwali

L-imputat fix-xhieda tieghu jghid:

*"…it-tort tieghi meta ggilidna qed nirreferi ghal kaz ta' Fifi fejn huwa xehed li huwa taghni l-ewwel daqqa ta' ponn…"*[87]

Illi madankollu fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2015[88] il-vittma Adel Afifi ghazel b'mod volontarju li ma jixhidx kontra l-imputat u iddikjara li qed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat Yousef Essesi sa fejn dan huwa rinunzjabbli kif ukoll irtira l-kwerela li hu ghamel kontra l-istess imputat.

L-artikolu 221(4) tal-Kodici Kriminali jghid:

> *Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b).*

Ghaldaqstant in vista ta' din ir-rinunzja l-procediment fir-rigward ta' din il-imputazzjoni huwa ezawrit.

**Ikkunsidrat**

**Il-hames imputazzjoni – Pussess ta' munizzjon (*pepper spray*)**

Il-hames imputazzjoni tirreferi ghaz-zamma jew pussess ta' munizzjon li jirrilaxxa sustanzi irritanti, ossija l-*pepper spray*, minghajr licenzja.

[87] Folio 346 ta' l-atti processwali
[88] Folio 217 ta' l-atti processwali

Illi mix-xhieda ta' PC 488 Emanuel Cilia irrizulta li meta l-allegat vittmi wasslu l-isptar infurmaw li *"xi hadd tefghalna l-pepper spray"*.[89]

Illi mix-xhieda ta' Adel Afifi jirrizulta li l-imputat *"fetah il-karozza u sprejjali l-pepper spray…… Fetah il-bieba ta' karozza, jiena hsibtu ha jitlaqli lil hemm hekk imma nizzel idejh u tefghali l-pepper spray"*. [90]

Meta kien mistoqsi kif kien jaf li kien *pepper spray* wiegeb *"ghax hassejt il-hruq ghandi r-ritratti ta' gismi kollu"*.[91]

Ix-xhud Greta Grassi ikkonfermat wkoll li rat l-imputat juza l-*pepper spray* fuq Adel Afifi:

> *"lanqas ghaddew zewg minuti nara lil Yosef qed jisprejjalu f'ghajnejh pepper spray…..anke kelli ma wicci u beda jahraq.."*.[92]

Ix-xhud Ryan Sammut fix-xhieda tieghu jikkorobora dak li jghid xhieda ohra:

*"Xhud: Yousef. Hareg spray u sprejja fuq Adel.*
*Spettur Ransley: Kif taf li kien pepper spray?*
*Xhud: Ghaliex meta mort imiss nara xi gralu Adel hassejt hafna hruq f'idi ukoll jiena."*[93]

---

[89] Folio 43 ta' l-atti processwali
[90] Folio 50 ta' l-atti processwali
[91] Folio 51 ta' l-atti processwali
[92] Folio 57 ta' l-atti processwali
[93] Folio 69 ta' l-atti processwali

L-imputat fix-xhieda tieghu jghid li *"jiena sprejjajtlu dash board, jigifieri ma kienx pepper spray…"*[94]

Illi mix-xhieda ta' WPC 117 Silvia Zarb jirrizulta li l-imputat qatt ma kellu armi registrati fuq ismu.[95]

Illi skond l-artikoli 3 u 4 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, dawk l-armi jew munizzjon indikati fl-iSkeda I tal-istess Att huma ghal kollox projbiti, salv jekk tinhareg 'awtorizzazzjoni specjali' mill-Kummissarju tal-Pulizija skond l-artikolu 4 tal-istess Att.

Fic-certifikat mediku li kien gie esebit hemm indikat li *"patient allegedly exposed/sprayed by pepper spray over face."*[96] [efasi tal-Qorti] stante li lit-tabib ma setax jidettermina bhala stat ta' fatt l-origini ta' din is-sustanza li ntuzat fuq Afifi.

Illi fil-waqt li m'hemmx dubju mix-xhieda okulari li l-imputat tefa' xi forma ta' *spray* fuq Afifi, il-prosekuzzjoni ma esebitx il-*cannister* bil-*pepper spray* in kwistjoni. Il-konsegwenza ta' dan huwa li ma setghetx issir il-prova forensika sabiex jigi determinat li dak li sprejja l-imputat kien proprju *pepper spray* u mhux xi haga ohra kif qal l-imputat.

L-Iskeda I tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta telenka dawk l-armi jew munizzjoni li huma projbiti, u fosthom hemm imsemmi l-munizzjon li jirrilaxxja sustanzi irritanti kif ukoll *stun guns* u armi simili.

[94] Folio 346 ta' l-atti processwali
[95] Folio 335 ta' l-atti processwali
[96] Folio 154 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant apparti li hawn kunflitt ta' provi dwar dak li qed jghidu ix-xhieda okulari u l-imputat dwar is-sustanza tal-*spray*, ma jirrizultax il-prova li s-*spray* li tefa l-imputat kien *pepper spray* jew sustanza ohra li tista tigi meqjusa munizzjon projbit kif imsemmi fl-iskeda 1 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Armi). Fil-fatt, l-imputat, minkejja li jammetti li sprejja sustanza, huwa jghid li dak li uza kien *dashboard spray* u fl-ebda waqt ma jghid li s-sustanza kienet *pepper spray* (ossija l-munizzjon projbit) anzi jinnegaha u jikkontradiha.

Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mill-ligi u fuq kunflitt ta' provi, din il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lill-imputat minn din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Is-sitt imputazzjoni – Ksur tal-mistrieh tan-nies bil-lejl**

L-artikoli 338(m) tal-Kodici Kriminali jghid:

> *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;*

Illi din l-imputazzjoni tirreferi b'mod specifiku ghall-perjodu ta' matul il-lejl fil-jum tal-25 ta' Mejju 2015. L-unika xhud li jaghti l-hin ta' l-incident kien PS 463 Christopher Ellul li kien wasal fuq il-post ta' l-incident *"fil-hdax nieqes kwart."*[97]

[97] Folio 108 ta' l-atti processwali

Ghalkemm ma jikkjarifikax jekk il-hin kienx ta' filghodu jew ta' filghaxija, din il-Qorti tinsab konvinta bizzejjed li kien qed jirreferi ghall-hdax nieqes kwart ta' filghaxija.

L-unika referenza ohra ta' hin li ghamel l-istess xhud kien meta ikompli biex jghid li *"ghal habta ta' nofs il-lejl nieqes ghaxra kien mar gewwa l-ghassa ta' tas-Sliema u informa lil Pulizija ta' l-ghassa ta' tas-Sliema li ha jmur jorqod l-Alexandra Hotel minhabba l-fatt li kien involut f'argument."*[98]

Ghalkemm ix-xhieda ta' l-imputat ma turix jekk l-imputat marx b'mod immedjat jew sieghat wara l-incident ghand il-pulizija, certament ma hemm provi li b'xi mod juru li l-imputat kiser il-mistrieh ta' xi nies bil-hsejjes jew ghajjat li setghu rrizultaw waqt il-glieda. Il-kontravvenzjoni nnfisha hija marbuta proprju mal-ksur tal-mistrieh u din il-Qorti hija tal-fehema li dan l-element ma jirrizultax.

Ghaldaqstant, anke fir-rigward ta' dan ir-reat, din il-Qorti tqis li ma giex soddisfacjentement ipprovat u sejra tghaddi biex ma ssibx lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Is-seba' imputazzjoni – Ksur volontarju tal-bon ordni**

Mix-xhieda ta' PC488 Emanuel Cilia jirrizulta b'mod car li l-imputat kien iqieghed jiggieled fil-pubbliku gewwa area ta' parkegg fl-Emergenza ta' l-isptar:

[98] Folio 110 ta' l-atti processwali

*"Jien bdejt nikkalmahom pero' marru jikkonfrontaw lil xulxin b'idejhom ma' xulxin, jien dhalt fin-nofs u bdejt ninbuttahom wiehed lil hemm u wiehed lil hawn… jaghmlu idejhom ma' xulxin, hin minnhom anke bdew jobzqu lil xulxin.."*[99]

Illi mill-provi tax-xhud Adel Afifi jirrizulta li l-imputat, maghruf bil-laqam 'Zonqor' *"nizel iz-zonqor minn go l-karozza insomma kif ghidlek u dahal u qabad joffendiha …. Beda jghidilha inti liba, liba lilha u jiena bdejt inzommu ma kontx naf x'gara bejniethom fhimt qabel ma kont maghha jiena u ghadda fil-genb hekk mar biex jerfa' idejh fuqha u jiena dawwartu ghidlu biex jieqaf u qisu ma tantx ikkalkulani… ersaqtlu lura fl-istess hin meta beda jerfa' idejh u jien dawwartu u tajtu daqqa ta' ponn meta rega' pprova jhebb ghaliha jiena.*[100]

Illi x-xhud Greta Grassi fix-xhieda taghha tghid ukoll li l-imputat *"hareg mill-karozza, hareg b'girja qabad jheddidni… li ha joqtolni u jqaxxarni, jheddidni, beda jheddidni…. . gie biex jipprova jaqbad jaghtini, gie resaq lejn wicci u kien ha jaghtini daqqa ta' ponn resquh lil hemm u rega' gie bil-girja ghalija."*[101]

Illi x-xhud Ryan Sammut fix-xhieda tieghu jikkorrabora dak li jghidu xhieda ohra:

*"hareg minn go l-karozza irrabjat, hareg biex ihebb ghal Greta Grassi."*[102]

[99] Folio 43 ta' l-atti processwali
[100] Folio 48 ta' l-atti processwali
[101] Folio 56 ta' l-atti processwali
[102] Folio 67 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-atteggjament tal-imputat huwa certament wiehed li jikser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Ghalhekk, mill-provi li tressqu l-Qorti hija konvinta li dan l-imputazzjoni giet ippruvata u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex issib l-imputat hati taghha.

**Ikkunsidrat**

**It-tmien imputazzjoni – Ksur ta' provediment tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli kiser il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, skond ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata moghti b'sentenza tat-8 ta' Mejju 2015[103] liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Permess tal-verbal tas-16 ta' Mejju 2016[104] id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq bhal xhud lil Ispettur Joseph Mercieca bhala xhud ta' l-identita ta' l-akkuzat fis-sentenza debitament ipprezentata.

Illi minn dan il-kaz jirrizulta li l-imputat kien instab hati ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin kif ukoll li kien l-indirzz fuq il-karta ta' l-identita' tieghu ma baqatx iktar valida.

[103] Folio 155-158 ta' l-atti processwali
[104] Folio 332 ta' l-atti processwali

Illi l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> **23.** *(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti-*
>
> *(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata,* ***<u>tista'</u> tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat****;*

Fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2018 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet ta' serq aggravat bil-valur, mezz u bil-hin kif ukoll talli naqas li jirrapporta li xi dettall fil-karta ta' l-identita' tieghu ma baqax aktar validu skond l-artikolu 19 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dawk ir-reati, in vista tal-ammissjoni tieghu, l-imputat f'dik il-kawza nghata ordni taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin.

L-imputat jinsab akkuzat li fil-25 ta' Mejju 2015, huwa kiser l-ordni ta' liberta' kundizzjonata moghti fit-8 ta' Mejju 2015. Issa ghalkemm huwa veru li l-imputat gie mixli b'reati li jgorru maghhom prigunerija, din il-

Qorti diga' spjegat ghaliex jista' jinstab hati ta' reat wiehed kontravvenzjonali u ta' xejn aktar mill-incident li sehh fil-25 ta' Mejju 2015.

Ghalkemm l-artikolu 23 jsemmi li l-ksur tal-ordni jista' jsehh ghal ksur ta' kull reat, u ghalhekk mhux delitti biss, il-ligi stess thalliha f'idejn il-Qorti taghzel jekk tittrattax lill-imputat ghar-reati li ghalihom gie moghti l-ordni taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-artikolu 22 (2) u (3) tal-Kap. 446 jghidu hekk:

> *(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).*
>
> *(3) Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat magħmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tiġi dikjara ta ħatja, jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omiċidju involuntarju, jew offiża involontarja fuq il-persuna, jew ħsara involontarja fuq il-proprjetà.*

Ghalhekk, skond id-disposizzonijiet tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446, din il-Qorti tista', jekk fid-diskrezzjoni taghzel hekk, li tittratta lill-imputat ghar-reati li taghhom gie misjub hati u moghti l-ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata fit-8 ta' Mejju 2015, billi anke, jekk trid, terga' taghti ordni taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in kwantu r-

reat li tieghu ser jinstab hati bis-sahha ta' din is-sentenza huwa wiehed kontravvenzjonali.

Fid-dawl tal-incident, u tal-komportament tal-imputat fl-istess incident, din il-Qorti thoss li ghandha tittratta lill-imputat ghar-reati li dwarhom inghata l-ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Tajjeb jinghad li meta wiehed jikkalibra l-piena fir-rigward ta' l-ewwel reat li ghalih l-imputat kien instab hati fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2015, dan ir-reat wahdu kien igorr mieghu piena ta' bejn seba' (7) xhur sa erba' (4) snin (li tinkludi z-zieda ta' grad), u liema piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha.

Fir-rigward tat-tieni reat mertu tas-sentenza tat-8 ta' Mejju 2015, il-piena hija wahda pekunjarja.

Ghaldaqstant stante li dan ir-reat huwa ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex issib htija dwar din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Id-disa' imputazzjoni – Nuqqas ta' harsien ta' kondizzjonijiet imposti f'digiret ta' l-ghoti tal-helsien mill-arrest**

Illi l-Magistrat (dak iz-zmien) Dr. Antonio Mizzi kien ta digriet dwar il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ta' l-imputat nhar il-20 ta' Lulju 2010.[105] Fis-sitt kondizzjoni ta' l-istess digriet l-imputat kien obligah li

[105] Dok E, Folio 19 ta' l-atti processwali

jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-ghaxra (10.00pm) ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm qabel is-sitta (6.00am) ta' l-ghada filghodu. Illi dan id-digriet kien gie anke iffirmat mill-imputat.

Kundizzjoni ohra imposta kienet li jiffirma gewwa l-ghassa ta' tas-Sliema kull nhar ta' Sibt bejn it-tmienja ta' filghodu (8.00am) u t-tmienja (8.00pm) ta' filghaxija.

Illi l-osservanza ta' dawn il-kondizzjonijiet kienet oltre garanzija personali ta' hames telef Euro (€5,000) li ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta jekk ikun hemm ksur ta' din il-kondizzjoni jew ta' ohrajn fl-istess digriet.

Sussegwentement, dan id-digriet gie varjat b'digriet tal-Qorti Kriminali nhar is-26 ta' Lulju 2010[106] b'tali mod li l-imputat gie ordnat li jirtira d-dar mhux izjed tard mis-sebgha u nofs (7.30pm) ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm qabel is-sitta ta' filghodu (6.00am) kif ukoll li kellu jirraporta l-ghassa ta' Tas-Sliema kull nhar ta' Sibt bejn it-tmienja ta' filghodu (8.00am) u t-tmienja ta' filghaxija (8.00pm).

Illi fis-26 ta' Gunju 2013, l-imputat informa l-Qorti li kien biddel l-indirizz minn fejn jirrisjedi ghal fond 10, Triq Matty Grima, Bormla li nghatalu bl-ghajnuna ta' Dar it-Tama u sussegwentement rega inbiddel nhar il-15 ta' Lulju 2013 l-indirizz kien rega inbiddel ghal Flat 2A, Bridge End, Saint Oliver Street, San Giljan.[107]

---

[106] Onor. Imhallef David Scicluna, Folio 20 ta' l-atti processwali

Illi x-xhud PS 463 Christopher Ellul fix-xhieda tieghu stqarr li fil-25 ta' Mejju 2015, l-imputat *"mar l-ghassa ta' tas-Sliema f'nofs il-lejl nieqes ghaxra semplicement informa lil Pulizija li huma stazzjonati tas-Sliema li kien involut f'argument u ghal dik ir-raguni kien ha jqatta' l-lejl l-Alexandra Hotel…."*[108]

Illi skond l-imputat l-akkuza li nharget kontrih hija zbaljata ghaliex skond hu u l-fehma tad-digriet ghandu jirtira d-dar mhux iktar tard mill-hdax u nofs ta' bil-lejl u mhux qabel. Ikompli biex jghid li:

*"Jien gejt imwaqqaf kemm il-darba f'road blocks fil-hdax ta' filghaxija u kemm il-darba cemplu lill-Ispettur Taliana, Elton Taliana u kemm il-darba ikkonferma li jiena ghandi sa l-hdax u nofs ta' filghaxija jigifieri hawn hekk ghandhi zball."*[109]

Ghaldaqstant jirrizulta b'mod car li l-imputat kiser il-kundizzjoni li jirtira d-dar skond il-hin impost mill-Qorti bid-digriet taghha kif ukoll li kkommetta delitt iehor ta' natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest.

Il-Qorti tosserva li dan ir-reat sehh waqt il-perjodu opperativ ta' dan id-digriet. Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li 1- imputat fil-fatt wettaq ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni u b'hekk ikkommetta r-reat skont 1-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti qieset ukoll li skont 1-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali:

---

107 Folio 21 u 22 ta' l-atti processwali

108 Folio 111 ta' l-atti processwali

109 Folio 345 ta' l-atti processwali

*(2) Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet impost mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest that garanzija tkun ta'reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghalhekk trid timponi jew piena ta' multa jew piena ta' prigunerija bl-inqas tkun dik t'erba' xhur.

Apparti dan, u b'mod tassattiv, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija personali ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija maghquda mal-konfiska obbligatorja tal-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija.

Ghaldaqstant in vista tal-fatt li dan ir-reat gie ppruvat sejra tghaddi sabiex issib htija ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**
**L-Addebitu tar-Recidiva**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad li tnejn minn tlieta tas-sentenzi li gew esebiti fil-konfront tal-imputat kienu dwar serq.

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

Illi f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ressqet zewg sentenzi.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tas-26 t'April 2012[110] l-imputat kien gie ikkundannat ghal sentenza sospiza taht supervizjoni ai termini tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tas-6 ta' Settembru 2011[111] l-imputat kien gie misjub hati ta' numru sostanzjali ta' serqiet u gie ikkundannat ghal tlettin xhar prigunerija.

Illi fir-rigward dawn iz-zewg sentenzi l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2016[112] id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni li tressaq bhala xhieda lil Spettur Malcolm Bondin u Spettur Christopher Pullicino bhala xhieda ta' l-identita' ta' l-akkuzat fis-sentenzi debitamentipprezentati.

---

[110] Folio 159-162 ta' l-atti processwali
[111] Folio 163-167 ta' l-atti processwali
[112] Folio 332 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant mill istess verbal tas-16 ta' Mejju 2016[113] ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ghal l-Ispettur Jesmond Micallef. Ma dan kollu l-Qorti xorta tqis is-sentenza in kwistjoni (dik tas-26 ta' April 2012) bhala valida in vista tal-fatt li l-konotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Stante li s-sentenza minnhom esebita kienet tittratta fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi applikat u cioe' jaghti lok ghal zieda fil-piena skond l-istess disposizzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

---

[113] Folio 332 ta' l-atti processwali

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta dina l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali volimuniza ta' l-imputat, iktar u iktar meta tqis li l-imputat ghadu ta' eta zghira. L-imputat mhux talli huwa recidiv, izda sahansitra anke kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu b'digriet fejn huwa gie moghti il-helsien mill-arrest, kif ukoll provvediment ta' liberta' kkondizzjonata. L-imputat donnu ma jridx jirriforma hajtu ghalkemm inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jaghmel dan u dina l-Qorti temmen illi l-imputat ghandu bzonn serjament jindirizza l-imgieba tieghu f'dan ir-rigward sabiex jaqbad it-triq tar-riforma u eventwalment jerga jintegra b'mod produttiv fis-socjeta'. Din il-Qorti ghalhekk, in vista li huwa evidenti li l-imputat kiser il-fiducja moghtija lilu diversi drabi, kif ukoll ghaliex ghandha r-responsabilita' tara li s-socjeta tigi salvagwardjata mill-atti kriminali tieghu, tqis li ghandha timponi piena karcerarja effetiva fuqu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 266, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta; l-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 214, 215, 221 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjijiet ta' Malta; l-artikoli 3, 51(1)(a)(b), 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 338(m) u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 289 u 533,

kif ukoll wara li regghet rat l-artikoli 261, 263(a), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(a) u 17 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 19 u 24(2)(b) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta mertu tal-ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata moghti fit-8 ta' Mejju 2015 u li fir-rigward tieghu, din il-Qorti qed taghzel li tittratta lill-imputat ghal dawk ir-reati li dwarhom saret l-ordni bis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, issib lil Yousef Essesi:

**Mhux hati** ta' l-ewwel, tat-tielet, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom;

**Hati** tat-tieni, tas-seba u tad-disa' imputazzjoni, flimkien mal-ghaxar imputazzjoni ossija l-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghal terminu ta' prignuerija ta' tlettax (13) il-xahar prigunerija u tordna li s-somma ta' hames (€5,000) elef euro imsemmija bhala garanzija jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

**Hati** tat-tmien imputazzjoni u filwaqt li taghzel li tittratta lill-hati ghar-reati li dwarhom gie moghti s-sentenza ta' liberazzjoni kundizzjonata tat-8 ta' Mejju 2015, u a tenur tal-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tal-lum.

Fir-rigward ir-raba imputazzjoni, ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti tqis li l-procediment gie ezawrit.

Il-Qorti, b'referenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq fis-sentenza[114] fir-rigward tax-xhieda ta' John Junior Pace, u wara li rat l-artikolu 523 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna komunika ta' din is-sentenza lil Kumissarju tal-Pulizija sabiex l-istess xhud jigi investigat b'mod immedjat kemm fir-rigward tal-possibilita' li huwa ammetta akkuzi ta' reati li huwa qatt ma wettaq f'kawza separata li llum hija gudikat, haga li din il-Qorti tqisha inkwetanti hafna, kif ukoll ghall-possibilita' li huwa xehed il-falz quddiem din il-Qorti meta, kuntrarjament ghall-ammissjoni tieghu, cahad l-involviment tieghu f'dik is-serqa u tordna komunikazzjoni immedjata ta' din is-sentenza lill-Kumissarju tal-Pulizija.

KOMUNIKA: Kummissarju tal-Pulizija

Fil-konfront tat-talba tal-prosekuzzjoni fir-rigward l-artikolu 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet stante li gie liberat minn dawk l-imputazzjonijiet relatati ma dawn it-talbiet.

**Moghtija illum nhar id-29 ta' Ottubru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

[114] Folio 44 ta' din is-sentenza

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**